**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 28 ta' Ottubru, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**-vs-**

**Jonathan Zammit, detentur tal-Karta ta' l-identita Nru 6686 (M)**

Kumpilazzjoni Nru. 992/2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jonathan Zammit talli:

> Fis-17 ta' Marzu, 2014, ġewwa l-Faċilità Korretiva ta' Kordin, Paola Malta, għall-ħabta tad-21:30 hrs mingħajr il-ħseib li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Adam Salah, ta' natura ġravi jew iġibilha disordni f'moħħha u dan bi ksur tal-artikoli 214, 215 u 216 tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9.
>
> Il-Qorti ġiet mitluba tapplika l-artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> Il-Qorti ġiet mitluba ukoll li f'każ ta' ħtija titratta lill-imputat bħala li sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi kienu mogħtija lil Jonathan Zammit u li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-2 ta' Settembru, 2016[1], permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

a) 214, 215, 216 (1) (a) (ii), (iii), (b), (d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b) 33A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'referenza wkoll għall-artikolu 2 tal-Kap 260 tal-Liġijiet Malta;
c) 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u
d) 17, 31, 383, 384, 385, 386, 532A, 532B u 533.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazjoni.

Ikkunsidrat-
Illi l-imputat qieghed jigi addebitat bir-reati li kkaguna involontarjament feriti ta' natura gravi fuq Adam Salah u dan fi zmien meta kien inkarcerat mieghu.

Illi l-parte leza, Adam Salah, qatt ma xehed f'dawn il-proceduri peress li kien lahaq allontana ruhu minn dawn il-Gzejjer b'mod permanenti fejn il-*whereabouts* tieghu lanqas ma huma maghrufa minkejja d-diversi tentattivi tal-pulizija.[2] L-istess jinghad ghal numru ta' persuni barranin li kienu fl-istess dormitorju, li jidhru li lkoll hallew Malta b'mod permanenti.[3]

Illi PS15 Cyril Butters xehed u kkonferma[4] r-rapport tieghu (NPS)[5] minn fejn jirrizulta li l-imputat kien stqarr mieghu li kien iddejjaq jghid lil Adam Salah sabiex jinhasel ghax kien qed jinten u anke kien offrilu hwejjeg pero` dan kien jirrifjuta ghax kien jghid li ma riedx jilbes hwejjeg uzati. L-imputat qal lil PS Butters li f'hin minnhom kien ra lil Salah iqalleb fil-locker fejn izomm il-hwejjeg tieghu (ta' Zammit) u *"meta ra hekk huwa imbotta minn fuq is-sodda b'saqghajh lil Adam bil-konsegwenza li dan habat rasu mal-hadid ta sodda"* filwaqt li cahad li tah daqqa ta' ponn.[6] Ikompli li Zammit stqarr ukoll li qal lill-gwardjan *"hudu lill dan min hawn ghax issa noqtlu, dan beda jirreferi ghal Adam u baqa jinsisti li dan ma riedx jinhasel u kien qed irrejah."*[7]

[1] Vide Nota ta' Rinviju Ghall-Gudizzju fol. 135
[2] Vide verbal a fol.46
[3] Vide verbal a fol.113, 124, 127, 130 u 133
[4] Fol.29 et seq.
[5] Fol.12
[6] Fol.14
[7] Ibid.

Illi l-Ispettur Hubert Cini xehed li Zammit ghazel li ma jkellimx lill-avukat ta' fiducja u naqas milli jwiegeb ghad-domandi li sarulu meta gie interrogat u ttiehditlu stqarrija.[8] L-ispettur esebixxa wkoll diversi sentenzi izda dawn jirrisalu ghas-snin 2003, 2004, u 2007.[9] Il-fedina penali turi li kien instab recidiv fi Frar, 2014, izda kopja ta' din is-sentenza baqghet ma gietx esebita u ghalhekk tali sentenzi ghandhom rilevanza biss, f'kaz ta' sejbien ta' htija, ghal dak li jirrigwarda l-prova li l-imputat ma kienx xi *first time offender*.

Illi Dr Francesca Theuma ikkonfermat certifikat mediku mahrug minnha[10] li Salah kien sofra *"minn nefha fuq imniehru u kellu mniehru devjat fuq in-naha tax-xellug u meta hadulu l-Xray kien jidher li hemm ksir fl-ghadma [kawza ta'].....impatt ma xi haga solida.....ksur sa fejn naf jien ta' natura gravi pero` ma rajtux follow up ma nafx jekk kienx hemm xi permanent damage."*[11]

Illi Correctional Officer 139 Kevin John Cauchi xehed kif fis-17 ta' Marzu, 2014, Jonathan Zammit kien *"qalli li ggieled mal-prigunier l-iehor li jismu Salah ....u qalli dan qed johdilna l-hwejjeg, ma jridx jinhasel qalli nehhihulna minn god-dormitorju ghax ha tinqala' wahda ikbar."* [12]

Il-Qorti ma tistax ma tosservax li mitkellem kemm minn Cauchi kif ukoll minn PS C. Butters, f'zewg okkazzjonijiet, Zammit ammetta li kien hemm glieda u dizgwid fejn bhala konsegwenza safa midrub Salah. Fl-istess hin jirrizulta cjar ir-rabja sforz is-sitwazzjoni frustranti li l-parte leza kienet qed tissoggetta lill-prigunieri ohra, inkluz lill-imputat, ghaliha.

Illi prova li dak li jghid l-imputat kien minnu jirrizulta mix-xhieda tal-maggur Frankie Bugeja li meta tkellem mal-parte leza dan qallu li ma riedx jinhasel izda dwar l-argument li kien inqala ma qallu b'xejn.[13]

Illi xehed ukoll il-prigunier Ahmed Abdullah Yakob li kkonferma li meta nqala l-argument kien hemm id-dawl mitfi. Jghid li l-argument kien wiehed normali izda sema biss lil *"Jonathan jghidlu ghalfejn qed tfittixli hawn, xi haga hekk."*[14]

Illi dan jerga jikkorrobora dak li Zammit qal lis-Surgent Butters u lil CO Cauchi u cioe` li kien induna li Salah beda jqalleb fil-locker tieghu fejn kellu hwejjgu.

[8] Xhieda Spettur Cini a fol. 22. Stqarrija a fol. 9
[9] Fol.50-62
[10] Dok. HC1 a fol.24
[11] Fol.27
[12] Fol.33-34
[13] Fol.42
[14] Fol.65

Meta Zammit kellem lil dawn l-ufficjali kien ghadu rrabjat ghal Salah u f'dawk il-hinijiet stqarr kif graw l-affarijiet inkluz li kien imbotta s-sodda b'saqqajh u spicca wega' Salah!

Illi Dr Stephen Farrugia Sacco hareg diversi stills minn CCTV li kien gie esebit wara li dan ittiehed mill-Facilita` Korretiva ta' Kordin. L-iktar rilevanti huma l-istills a fol.84-86 fejn jidher li f'tarf il-kamra (top left) kienu ingemghu diversi persuni. Din il-parti tal-kamra tidher aktar mill-vicin fl-istills a. fol. 88-94 izda n-nuqqas tal-hin jaghmilha difficli ghal Qorti sabiex tiddetermina definittivament jekk dan kienx l-incident in kwistjoni u d-dinamika tieghu.

Illi Andre Busuttil xehed li hu kien residenti fl-istess dormitorju mal-imputat. Jiddeskrivi kif lill-parte leza kienu ilhom jghidulu biex jinhasel ghax ir-riha tieghu lanqas ma kienet qed thallihom jorqdu. Busutil jghid li kien Salah li hebb ghall-imputat li minn naha tieghu *"kien kalm, relaxed issoltu normali rajtu."* [15] Hawnhekk il-Qorti bilfors tistqasi jekk id-dawl kien mitfi kif Busuttil ra lil Zammit kalm u relaxed? Fil-fatt Busuttil fl-ahhar jghid li *"Ghax imbaghad Jonathan nizel mill-bunk bed u hemmhekk ikkonfrontah il-barrani."*[16]

Illi milli atti processwali u wara li fliet dak li stqarr l-imputat innifsu mas-Surgent Butters u l-Correctional Officer Cauchi, fejn id-dettalji huma korroborati minn Busuttil u Yakob kif gja saret riferenza, din il-Qorti tista' serenement tasal ghall-konkluzzjoni li Adam Salah kien safa aggredit mill-imputat Zammit u sofra ksur f'imniehru.

Illi jidher izda dan kien incident kawzat interament mill-agir u attitudini xejn civika tal-parte leza li baqa jinjora t-talbiet ta' prigunieri ohra residenti fid-dormitorju mieghu sabiex jinhasel u jzomm igene bazika u mistennija minn persuna. Kollox jindika li l-frustrazzjoni li kienet ila tahkem lill-imputat zvillupat f'rabja meta Salah intlemah minn Zammit, fid-dalma tal-lejl meta id-dawl fid-dormitorju kien mitfi, iqalleb fi hwejjgu u dan meta, kif kien informa lil CO Cauchi, kien qed johdilhom hwejjighom. Certament li kien dan l-agir ta' Salah li pprovoka r-rejazzjoni tal-imputat li rrejagixxa billi mbotta lil Salah minn fuq is-sodda b'saqghajh u dan spicca habat rasu mal-hadid tas-sodda.

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali, **Il-Pulizija vs Emanuel Zammit**, deciza fit-30 ta' Marzu, 1998, gie deciz:

"Il-ligi taghna, ghall-fini tar-reat ta' offiza volontarja fuq il-persuna, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira dik il-hsara li jkollu

[15] Fol.116
[16] Fol.117

f'mohhu li jaghmel, hu irid iwiegeb ghal konsegwenzi kollha li effetivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu" Il-Professur Mamo ighid: "***To constitute the crime of willful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely the animus nocendi, the generic intent to cause harm, without requiring necessarily the actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues.***"

Fil-ktieb tieghu, Notes on Criminal Law, il-Professur Anthony J. Mamo ikompli jghid hekk: "In other words, it is not essential that the intention was to produce the full degree of harm that has actually been inflicted.... ... Therefore, in the case of bodily harm, if the intent of the doer is to injure, he will answer for the harm actually caused, in application of the principle "dolus indeterminatus determinatur ab exitu."[17] (sottolinear ta' din il-Qorti).

Illi dwar in-natura tal-griehi li garrab Salah issir riefernza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Joseph Garrett**: [18]

Issa l-ewwel aggravju huwa dwar in-natura tal-ġrieħi. L-appellant issottometta li l-ġrieħi ma damux u allura ma jistgħux jitqiesu ġrieħi li jaqgħu taħt l-artikolu 216 tal-Kap 9. Iżda l-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Filfatt il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Frar 1998 fil-każ **'Il-Pulizija versus Fortunato Sultana'** qalet hekk:

*'Skont l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9, l-offiża fuq il-persuna hija gravi jekk, fost ċirkostanzi oħra, iġġib sfreġju fil-wiċċ. Il-Liġi ma tirrikjedix li dan l-isfreġju jipperdura għal xi żmien partikolari; sfreġju fil-wiċċ ( jew fl-għonq jew f'waħda mill-idejn) anke ta' ftit ġranet jibqa' sfreġju għall-finijiet tal-imsemmija dispożizzjoni. Il-permanenza ta l-isfreġju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', tagħti lok għal hekk imsejħa 'offiża gravivissima' skont l-artikolu 218 (1)(b) tal-Kap 9.'1*

Għal dak li huwa sfreġju jew mankament, il-Qorti qed tagħmel referenza għall-każ '**Il-Pulizija versus Paul Spagnol'** tat-12 ta' Settembru 1996 (Volume LXXX) fejn intqal hekk:

*'B'mankament fil-wiċċ il-ligi qed tirreferi għal kull deterjorament tal-aspett tal-wiċċ li, anke mingħajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduċi sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo o per l'entita' della alteranzione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto". Sfreġju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull ħsara li tista' ssir filregolarita' tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik li hija s-sbuħija tal-wiċċ. Skont ġurisprudenza ormai pacifika, din il-ħsara li tammonta għal sfreġju trid tkun viżibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin". Skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc. Is-snien mhumiex parti mill-wiċċ, għalkemm it-telf ta 'ħafna snien jistgħu jġibu kemm sfreġju kif ukoll mankament minhabba l-effett li jistghu iħallu fuq il-wiċċ u speċjalment fir-reġjun tal-ħalq. Pero' la t-tul ta' l-infermita' u lanqas il-permanenza o meno taghha m'huma relevanti ghall-finijiet tas-subartikolu 216 (1) (b).'*[19]

---

[17] Pagna 225. Ara f'dan is-sens Il-Pulizija vs Noel Degiorgio, Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr. Marseanne Farrugia 22.12.2014; The Police vs Chinonso Jude Okeakpu 2.10.2013 u Il-Pulizija vs Stephen Ciangura, 26.09.2012, Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr. Edwina Grima.
[18] Hon. IMhallef Dr Lawrence Quintano, App. Nru. 169/2011. Deciz 14/05/2012.
[19] Volum LXXXII. 1998 Parti IV Paġina 109

U għall-kompletezza l-Qorti qed tirreferi għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ '**Il-Pulizija vs Generoso Sammut'** tat-2 t'Awissu 1999 dwar l-offiża fuq il-persuna:

*'Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibaqa' xu dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża.'*[20]

Għall-fatti ta' dan il-każ huwa relevanti l-artikolu 216(1)(a)(b) tal-Kap 9. B'mod partikolari is-subinċiż (b) – 'jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż'.

Fil-fehma tal-Qorti l-ksur tal-imnieħer (ara ritratti) kif ukoll il-laċerazzjoni jistgħu faċilment jitqiesu kemm sfreġju kif ukoll mankament. Anzi, xkont ix-xhieda tat-tabib Martin Camilleri, il-laċerazzjoni setgħet tħalli traċċi permanenti. Id-difiża tinsisti li m'hemmx prova li l-isfreġju jew mankamant dam għal tletin ġurnata jew iżjed. Bir-rispett kollu, kif sewwa spjegat il-Qorti fil-każ 'Il-Pulizija versus Spagnol', dan it-tul ta' żmien mhux rikjest mil-liġi fissubinċiżi li għalihom qed issir referenza. Din l-idea żbaljata qed tirriżulta minħabba li s-subparagrafu (d) jsemmi t-tul ta' żmien iżda dan is-subpragrafu huwa indipendenti u għandu jitqies għalih u qatt ma jista' jew għandu jinqara bħala xi kwalifika għas-subparagrafi preċedenti.

Illi c-certifikat mediku Dok. HC1 jindika li l-parte leza giet ezaminata fil-23:40hrs tas-17 ta' Marzu, 2014 u nstab li kien qed isofri minn *"Swelling over the nose, Deviations of bridge of nose to the left."* fejn X-ray li ttiehidlu wera li kien sofra *"fracture nasal bone."*[21]

Illi fuq kollox il-principji li jirregolaw il-klasifikazzjoni ta' griehi ai fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti f'l-ordinament guridiku taghna. Fil-gurisprudenza huwa pacifiku li:

*Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza.*[22]

---

[20] Vol LXXXIII.1999.Pt.IV paġina 365

[21] Fol.24

[22] **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi,** Appel Kriminali 30.07.2004, kif citata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Hon. Magistrat Dr Doreen Clarke LL.D., fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maximilian Ciantar**, Kump. Nru 432/2010, Deciza 27 ta' Lulju 2011

Illi fuq skorta tal-gurispridenza appena enuncjata, il-Qorti ma tistax ghajr issib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza kif migjuba fil-konfront tieghu fejn jirrizulta li l-parte leza li soffriet nefha, frattura u devjazzjoni tal-imnieher, soffriet griehi li tqis li huma tali li jgibu mankament jew sfreġju fil-wiċċ.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta fuq l-imputat, il-Qorti sejra tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat addebitat lill-imputat, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-fedina penali ta' l-imputat kif ukoll tas-sitwazzjoni xejn felici li sab ruhu fiha l-imputat kawza tal-parte leza. Ma jistax ma jittiehidx konsiderazzjoni tal-nuqqas ta' interess tal-istess Adam Salah f'dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 17, 31, 33A, 49, 214, 215, 216 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu w tikkundannah ghal prigunerija ta' tmien xhur li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal sentejn millum.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**